MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1550/2001/1

Censina Dalli, Joanne Dalli, Paul Dalli, Jane Spiteri,
Catherine Bugeja, Carmen Micallef u Michael Dalli
vs
Nazzareno Scicluna

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ippremettew:

Illi fit-28 ta’ Settembru 1999 miet Emanuel Cachia iben l-attrici Censina Dalli u hu l-atturi l-ohra;

Illi l-istess Emanuel Cachia miet waqt li kien qed jaghmel xoghol ta’ rdim bit-truck tal-konvenut u fil-barriera fil-limiti ta’ l-isqof l-Imqabba proprjeta` tal-konvenut u l-konvenut naqas li jipprovdilu sistema ta’ xoghol minghajr perikolu (*safe system of work*) u ghalhekk jahti hu ghall-mewt ta’ l-istess Emanuel Cahia.

Illi ghalhekk l-atturi li huma eredi tieghu soffrew danni b'din il-mewt;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-mewt ta' Emanuel Cachia;
2. Tillikwida d-danni li sofrew l-atturi bl-istess mewt;
3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi huwa m'ghandu l-ebda barriera proprjeta` tieghu u wisq anqas huwa proprjetarju tal-barriera li tinsab fil-limiti ta' l-Isqof l-Imqabba;

2. Illi l-incident li fih sfortunament tilef hajtu Emanuel Cachia ma kienx responsabbli ghalih il-konvenut u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi jsegwi li ghaldaqstant m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi;

4. Illi jsegwi li t-tielet talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessi mill-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fis-7 ta' Jannar, 2003 il-partijiet qablu li Emmanuel Cachia miet fit-28 ta' Settembru, 1999.

Rat l-affidavit ta' Vincenza Dalli li bih ikkonfermat illi Emanuel Cachia kien binha li twieled qabel izzewget lil zewgha Daniel. Daniel kien ukoll missier Emanuel ghalkemm qatt ma gie rikonoxxut legalment minnu wara li zzewgu. Dwar l-incident qalet li ma kenitx prezenti u semghet minn fuq l-ahbarijiet.

Rat l-affidavit ta' Paul Dalli u qal li Emanuel Cachia kien huh ghax iben ommu qabel ma zzewget lil missieru. Huh kellu gaffa u *truck* u kien jahdem ghal rasu billi xi hadd jordnalu xi xoghol b'dawn l-ingenji. Jaf li kien qed jahdem ghall-konvenut li kien tah xi xoghol. Jaf li beda jahdem mieghu l-Hamis qabel gara l-incident li kien gara t-Tlieta. Ix-xoghol kien illi jqattalu bil-hymac, bil-gaffa jghabbi l-materjal fit-*truck* u jordomlu rampa minn barriera ghal ohra. Jaf li kien qed jahdem wahdu ma kellu lil hadd jaralu meta jirriversja. Dan jafu ghax instab mejjet xi sieghat wara u mhux mill-ewwel. Dak in-nhar ix-xhud kien beda jahdem ma' Penza u kien qallu biex imur mieghu izda hu kien qallu li kien miftiehem ma' tal-barriera (ghall-konvenut) u tah il-kelma kien ser imur jahdimlu. Fuq l-incident hlief li jaf li nstab mejjet xi hin wara ma jaf xejn. Mar fuq il-post imma kienu gia haduh. It-*truck* rah maqlub u ra t-terrapien mimli demm.

Xehed Paul Dalli u qal illi hu jigi hu l-mejjet Emanuel Dalli. Jiftakar li Scicluna kien mar ghal huh biex jahdem mieghu ftit jiem qabel. Hu kien mar fuq il-post l-ghada ta' l-incident ghax huma kienu saru jafu fit-tard filghaxija. L-

ghada filghodu kellu jmur l-isptar u mbaghad wara mar ghall-habta tad-9 ta' filghodu u ra t-trakk xi erba' hames sulari aktar 'l isfel wiccu l-fuq

Rat l-affidavit ta' Carmelo sive Charles Bugeja fejn ikkonferma li Emanuel Cachia kien hu l-mara tieghu. Emanuel Cachia kien ghamel zmien jahdem il-Libja pero` meta mar Malta u cioe` xi ghaxar snin ilu, ix-xhud beda jimlilu r-*returns* ta' l-*income tax* peress li hu ma kienx jaf jimliha ghax kellu edukazzjoni limitata. Leli kien l-iktar bla ktieb tax-xoghol ghax kien jaghmel xi xoghol 'l hawn u 'l hinn. Bhala *average* qal li kien jiddikjara bhala qligh mhux iktar minn Lm1000 fis-sena f'dawn is-snin. Ma jafx kemm kien jaqla' l-Libja.

Xehed l-Ispettur Walter Spiteri u esebixxa vera kopja ta' l-okkorrenza rigward danni f'dan l-incident 5K1044 ta' l-1999. Dan kien jirrigwarda incident fatali li sar f'barriera maghrufa bhala ta' Gaffiero jew ta' l-Isqof fl-Imqabba. Qal li effettivament hu kien l-ufficjal tal-Pulizija inkarigat fil-kaz meta gara u kien mar fuq il-post in kwistjoni. Effettivament kienet saret inkjesta u kienet anke marret il-Magistrat fuq il-post. Il-Magistrat kienet il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Gew nominati diversi esperti.

Xehed Joseph Zammit u qal li hu kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fil-kaz tal-mewt ta' Emanuel Cachia. Jiftakar li effettivament hu kellu jezamina l-vettura in kwistjoni ossija t-trakk li kien involut. Dak it-trakk kien qieghed igorr terrapien jew materjali iehor minn post ghall-iehor u kien qieghed jipprova jaghmel passagg biex jinfed minn naha ghall-ohra. It-terrapien kien qieghed jigi mghobbi mill-istess lokal u mhux minn xi post iehor. L-istess materjal ma kienx ghadu pressat, zvara t-trakk u nqaleb. It-trakk nizel xi tlett sulari gholi. Qal li hu ezamina t-trakk in kwistjoni kemm dak inhar kif ukoll l-ghada. It-trakk kellu hsarat estensivi kawza tal-waqa' pero` difetti ma kienx sablu li bihom seta' gie kawzat l-incident. Ma sab l-ebda *puncture* fuq ebda wahda mir-roti, anqas xi qtugh ta' l-*isteering*. Tul dan ma kienx sab ebda difetti. It-terrapien kien qieghed isir biex isir passagg min-naha ghall-ohra tal-barriera. Kien

irrizultalu li effettivament Manuel Cachia kien qed jidhol bir-*reverse* u biex imbaghad wara jarbula l-kaxxa halli jwaqqa’ l-materjal. Dan il-passagg kien gja ffurmat tajjeb. In kontro-ezami qal li jista’ jkun li din kienet qed issir triq minn barriera ghal barriera ohra; hemm hafna barrieri fil-lokal. Esebixxa kopja tar-rapport li hu kien ghamel fl-inkjesta (Dokument JZ). Fost affarijiet ohra qal li hu kien ikkonstata li t-trakk kien f’kundizzjoni tajba. It-trakk meta hu mar fuq il-post kien maqlub fuq il-kabina u kien qieghed xi tliet sulari ’l isfel. Qal li dak iz-zmien kienu qed jippruvaw jaghmlu xi terrapien mill-istess post. Dana effettivament biex issir trejqa qal li din il-persuna kienet qed topera wahedha f’dak il-mument ta’ l-incident. Zied jghid li hu personali ma kienx sema’ xhieda. Kienu l-ezamijiet teknici li kien ghamel hu fil-prezenza ta’ Nazzareno Scicluna.

Xehed <u>Dr. Michael Sammut</u> Espert Tossikoligu u stqarr li ma kienx sab la tracci ta’ *alcohol* u anqas ta’ medicini ohra.

Xehed <u>Michael Dalli</u> fejn qal li hu jigi hu l-mejjet Manuel. Hu ma kienx fuq il-post dak il-hin li gara l-incident. Ix-xhud jahdem bhala *crane operator* pero` gieli ghamel xoghol bhal dak li kien jaghmel huh il-mejjet. Fil-fatt huh gieli hadem fuq *4 wheeler* izda qatt ma kien hadem f’dak it-tip ta’ xoghol li normalment jinhadem mhux minn persuna wahedha.

Xehed <u>P.C. 1525 Patrick Farrugia</u> fejn qal li hu jahdem mal-Korp tal-Pulizija bhala Kuntistabbli u hu *Scene Of The Crime Officer* u kien iffotografa x-xena u dan anke fil-prezenza tal-Magistrat Inwkirenti l-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Esebixxa 34 ritratt li kienu mehuda in konnessjoni ma’ dan l-incident. Il-vittma kien ghadu fuq il-post meta hu kien hemmhekk u hu iffotografah.

Xehed il-<u>Perit Valerio Schembri</u> u qal li hu kien gie nominat bhala wiehed mill-esperti fl-inkjesta li kienet saret fil-mewt ta’ Dalli u hu kien mar fuq il-post fit-28 ta’ Settembru 1999. Esebixxa kopja ta’ rapport li kien ghamel u giet immarkata bhala Dok VS1. Ghamel

kostatazzjonijiet kif ukoll pjanta tal-lokalita`, fejn kien hemm it-trakk, u fejn kien hemm it-*tyre marks*. Ikkonferma l-konkluzjonijiet li kien sab. Semma l-marka tat-*tyre* fuq it-terrapien tar-rampa, liema marka kienet tul ta' cirka 2.90 metri. Semma marka ohra fuq it-terrapien ta' tul ta' 2.30 metri, li kienu fl-istess direzzjoni. Semma d-diversi *tyre marks*

Xehed Nazzareno Sciculna u qal li hu dakinhar ta' l-incident ma kienx prezenti. Qal illi hu ghandu barriera, speci ta' mikrija. Qal illi kien ftiehem ma' Manwel Cachia biex jaghmillu xoghol ta' rampa fil-barriera u meta kienu tkellmu kien qallu li ghandu l-gaffa u t-trakk tieghu bil-hsara u kien qallu li seta' juza l-makkinarju tax-xhud. Huma dwar prezz ma kienux ftehmu. Specifika li huma kienu ilhom hbieb hafna u ghalhekk ma kienux hassew il-bzonn ta' ftehimijiet minn qabel. Qal li r-rampa kienet necessarja li ssir ghax minn fejn kienet tidhol qabel hu ried ikkisser dik il-parti tal-barriera. Kien ftehem mas-sidien li hu r-rampa jaghmilha x'imkien iehor. Qal li fil-fatt ma tantx kien dam jahdem hemmhekk Manwel Cachia ghax anqas gimgha ma kien ghadu ghamel xoghol. Dan it-tip ta' xoghol bhalu qatt ma kien qabbad lil haddiehor biex jirranga xi rampa. Mistoqsi jekk hu tahx xi parir ta' kif jahdem qal li hu kien jahdem f'dak ix-xoghol, ma setax jatih pariri hu. Dak iz-zmien kien bil-barriera u bil-kostruzzjoni. Hu kien f'dan ix-xoghol jigifieri jhammel, jordom u dawn l-affarijiet. Dak iz-zmien ix-xhud kien fix-xoghol tal-kostruzzjoni u tal-barrieri u dan mill-1989. Qal illi dakinhar ta' l-incident hu kien mar jixtri xi *spare parts* u meta wasal lura vicin kien ra hafna nies u anqas induna li l-incident li kien gara kien f'tieghu. Pero` meta beda jersaq biss lejn l-incident anqas felah iktar u jaf li haduh in-nies u anqas biss ra xejn.

Gie prezentat l-affidavit ta' Nazzareno sive Rennie Sciculna fejn ikkonferma bil-gurament li hu llum jiggestixxi negozju relatat max-xoghol tal-bini izda dana billi kien jopera barrieri tal-gebel tal-franka. Fil-fatt fl-1 ta' Lulju 1999 hu kien ghamel ftehim mal-kumpanija JDC Company Limited li permezz taghha hu nghata l-permess sabiex iqatta' l-gebel mill-barriera, liema barriera kienet

tal-kumpanija JDC Company Limited, kif ukoll l-ingenji li kellhom jintuzaw ghat-tqattiegh tal-gebel. Hu kellu biss iqatta’ l-gebel u l-entrojtu jinqasam. Fil-fatt is-sidien (JDC Co. Limited) kienu nfurmawh li kellu jaghmel rampa bhala access fil-post indikat minnhom li fih sfortunatament sehh l-incident. Hu kien jaf persuna li jahdem ghal rasu li kien jaghmel ezattament dana x-xoghol u kien tas-sengha fil-mestier, u dan kien Manwel Cachia, u ftehmu fuq ix-xoghol u kellha ssir bl-ingenji tax-xhud. Qal li Emanuel Cachia kien jahdem ghal rasu u anke dina l-bicca xoghol li kien qabbdu jaghmel ix-xhud kien ghal rasu u mhux bhala impjegat tieghu. Emanuel Cachia beda jezegwixxi x-xoghol fit-23 ta’ Settembru 1999. Kienu ftehmu li kellha ssir rampa tal-barriera izda gara l-incident u hassu obbligat li jhallas tax-xoghol li Manwel Cachia lahaq ghamel u hallas ta’ dan lil missier Emanuel. Hu ma jafx kif sehh l-incident. Zied li l-ingenji tieghu dejjem zammhom fi stat tajjeb, inkluz it-trakk involut fl-incident.

Xehdet <u>Connie Micallef</u>, P*rincipal* fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u semmiet li fl-1989 kien *non taxable* u esebiet kopja tar-*returns* tas-snin 1990 sal-1999.

Xehed <u>David Saliba</u>, *Head of Technical Operations mal-Occupational Health & Safety Authority* u qal li mill-incident tat-28 ta’ Settembru, 1999 fejn kien tilef hajtu Emanuel Cachia qal illi dan huwa xufier ta’ trakk gewwa barriera u mir-ricerka li ghamel hu u mill-memorja jirrizulta li l-ufficjali kienu marru fuq il-post u kienu investigaw dan il-kaz. Dawn irrapportaw li t-trakk misjuq mis-Sur Cachia li kien tiela’ rampa gewwa barriera inqaleb ghal isfel, u x-xufier, is-Sur Cachia kien miet b’konsegwenza ta’ l-incident. Personalment ma kienx mar, l-ufficjali li fil-fatt marru nzerta wiehed Emanuel Cachia, sive Noel, li kien irrapporta li ma kienx osserva nuqqas jew *breaches* ta’ *Health & Safety Regulations* ta’ dak iz-zmien. Ghamel parentesi wkoll li qed imorru lura fl-1999 jigifieri l-legislazzjoni llum forsi nbidlet pero` dwar dak iz-zmien ma irrizultawx ksur ta’ regolamenti. Qal li kieku kienu gew osservati xi nuqqasijiet f’dak li jirrigwardja s-sahha u s-sigurta` tal-haddiem, kieku kienu jibdew il-proceduri kriminali u ghaldaqstant ikun jaf bihom hu ghax hu

jaghmel il-presekuzzjoni. Zied li ebda proceduri kriminali ma ttiehdu u anqas sejrin jittiehdu minhabba l-kostatazzjonijiet li kienu saru mill-ufficjali taghhom. Ma kien irrizultalhom xejn li jiggustifika li jittiehdu passi.

Xehed William Cassar Torreggiani li ra r-relazzjoni tieghu a fol 139 sa fol 147 tal-process li kien ghamilha fuq inkarigu ta' Rene Scicluna, il-konvenut. Ikkonferma l-konkluzjonijiet tar-rapport u dwar id-dinamika ta' l-incident. Hu kien wasal ghall-konkluzjoni li t-trakk rifes il-gebla u dan minhabba t-*tyre* marks li kien hemm. Kien semma li ma kienx hemm xi tip ta' lqugh waqt li niezel fil-barriera. It-*tyre marks* kienu jindikaw li s-sewwieq irriversja fuq din il-gebla u nqaleb. Din il-gebla kienet fix-xifer fejn waqa' t-trakk u t-*tyre marks* li kellha kienu jaqblu mat-*tyres* tat-trakk. Mir-relazzjoni jirrizulta li t-trakk kellu hsarat estensivi kawza ta' waqgha. Il-kundizzjoni tat-*tyres* kienet tajba, u l-*hand brake* kien jiffunzjona sewwa u l-i*steering geometry* kienet intatta. Kien jidher li s-sewwieq irriversja u d-*doule wheel* kienu qed iduru fil-vojt mal-blata mdaqqsa li kien hemm u b'hekk qala' t-terrapien u t-trakk miel fuq in-naha tal-lemin minhabba l-piz li kellu u arbula kollox ghal isfel.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti tal-kaz***

Illi irrizulta li Emanuel Cachia kien jahdem xoghol 'l hawn u 'l hemm bil-gaffa u trakkijiet u xoghol ta' rdim ghal rasu ghal hafna snin. Hu ma kienx impjegat tal-konvenut izda gie mqabbad mill-konvenut biex jahdem f'barriera tal-konvenut b'ingenji tal-konvenut peress li ta' Cachia kienu bil-hsara.[1]. Illi fil-kaz *de quo* huwa gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmillu rampa fil-barriera li l-istess konvenut kien ha minghand il-Kumpanija JDC Co. Ltd. Irrizulta li l-vittma ma kienx impjegat tal-konvenut izda tqabbad mill-konvenut jaghmel bicca xoghol – rampa fil-barriera. Illi mill-atti tal-inkjesta esebita jirrizulta illi l-vettura li kienet qed tinstaq minn Cachia:

[1] affidavit tal-konvenut pprezentat fl-20 ta' Settembru 2006

"giet imwassla sa tarf il-passagg li kien qieghed isir b'materjal li kien qed jingarr mill-istess truck. Illi peress li l-materjal formanti l-passagg ma kienx imballat, dan il-piz tat-truck svara u ceda ghal isfel u mieghu garr it-truck in kwistjoni."[2]

***D2. Ir-Responsabbilta` ta' l-incident***

Il-Kap 16 artikolu 1032 jghid:

(1) Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Ghalhekk il-Qrati taghna dejjem zammew li jezistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni ghal danni.

1 – Il-fatt dannuz illecitu

2 – L-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu

3 – Id-dannu kagjunat minn dan l-istess fatt hu doluz jew li jwassal ghal ***culpa*** da parti ta' min ikun ghamlu

**Agius vs Busuttil**, Qorti ta' l-Appell, 14/12/1982 fejn min jinstab responsabbli ghal danni jkollu konnessjoni logika ta' kawza u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-*culpa* bhala:

"un' evento si dice colposo quando no e' stato intenzjonalmente procurato ma si e' verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline."

Il-konvenut kien kien l-operatur tal-barriera kien jenhtieglu li jaghmel rampa fl-istess barriera u ghal dan il-ghan inkariga lil Cachia.

Illi l-ligi li kienet tirregola s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol fiz-zmien tal-incident *de quo*, u cioe` 28 ta' Settembru 1999, kien l-**Att Nru. VII ta' l-1994**.[3] Illi a tenur ta' l-artikolu 2 (1) ta' l-istess Att kien stipulat illi l-harsien tas-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku. L-istess artikolu fis-subartikolu (2) (a) jkompli jistipula illi:

---

[2] A fol. 3 tal-process verbal

[3] Att Biex Jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol

“huwa d-dmir ta’ min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiem.”

Is-subinciz (b) ikompli:
“Huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura li kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull periklu li jista’ jigi evitat ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu u ta’ haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol sew jew tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur.”

Il-*proviso* ta’ l-istess subartikolu jghid:
“Izda fil-kaz ta’ xoghol moghti lil xi persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur, kif imsemmi hawn fuq, min ihaddem ikun responsabbli biss jekk ikun ipprovda facilitajiet, inkluzi ghodda, taghmir, mod kif, pjanti jew post tax-xoghol, jew l-uzu ta’ dawn il-facilitajiet u jkun jaf li dawn il-facilitajiet jew l-uzu taghhom ordinarjament jipprezentaw sogru jew periklu ghas-sahha jew sigurta`”.

L-artikolu 19 ta’ l-istess Att jaghti t-tifsira tal-frazi “min ihaddem” li skond l-istess tfisser:
“il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem”.

Ghalhekk il-konvenut kien qieghed ihaddem lill-vittma. Izda hawnhekk il-partijiet ma jaqblux dwar l-obbligi tal-konvenut fejn l-atturi jikkontendu li l-konvenut kellu obbligu li jipprovdi lil Cachia *a safe system of work* fuq is-sit in kwistjoni.

Irrizulta li fil-konfront tal-konvenut ma ttiehdu l-ebda passi kriminali. David Sammut, *Principal Safety Officer* ikkonferma dan izda zied li d-Dipartiment ma kellhomx informazzjoni sufficjenti fuq il-kaz. Zied ukoll li pero` x-xoghol li kien qed jaghmel Cachia seta’ jsir ahjar fis-sens li jsiru *barriers* fil-genb u apparti minn hekk anke xi

*supervision* u xi rapport ta' perit fuq l-istruttura tal-passagg.[4]

L-*Occupational Helath & Safety Authority* li investigaw il-kaz u l-ufficjal li investiga u kien mar fuq il-post kien qal li ma irrizultawx xi nuqqasijiet tal-*Health & Safety Regulations* applikabbli fl-1999 (vide xhiedha David Saliba – 09.05.07).

Illi sar ukoll rapport tekniku indipendenti minn William Cassar Torregiani dwar l-incident u l-kundizzjoni tat-trakk, liema rapport gie konfermat mill-istess espert. Dan ir-rapport apparti li jidentifika d-dinamika ta' l-incident, jistipula li t-trakk kien f'kundizzjoni tajba (inkluz *tyres*, *brakes* u *steering geometry*).

Izda l-atturi sostnew li dawn il-mizuri kien responsabbli li jsiru mill-konvenut ghax fl-ahhar mill-ahhar hu kien responsabbli ghas-sit in kwistjoni. Ikomplu li tali mankanza u negligenza da parti tieghu sarrfet fil-mewt ta' Cachia u ghaldaqstant il-konvenut irid jirrispondi ghad-danni emergenti. Illi hawn tajjeb li jigi sottolinejat illi l-istess konvenut jistqarr illi hu kien ilu fix-xoghol tal-kostruzzjoni u tal-barrieri mill-1989[5] u ghaldaqstant il-konvenut isostni li Emanuel Cachia ma kienx xi principjant u kien fid-dover tieghu jiehu l-prekawzjonijiet kollha fil-proprjeta` li kienet taht il-kontroll tieghu biex jizgura li ma jsehhux incidenti ta' din ix-xorta.

***<u>D3. Danni - Tipi</u>***

Fil-Ligi u l-gurisprudenza nostrana hemm tlett tipi ta' danni li taghhom jista' jintalab r-rizarciment, jigifieri:

- dawk derivanti minn delitt veru u proprju,
- dawk derivanti minn htija akwiljana,
- u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali

(vide Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission – Prim Awla 15 ta' Ottubru, 2003.

[4] xhieda tad-9 ta' Mejju 2007
[5] ara xhieda tal-konvenut tas-16 ta' Mejju 2006

Jinghad li mill-mod kif giet impostata t-talba promutrici u mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi qed isejsu t-talba taghhom ghad-danni naxxenti minn allegat delitt veru u proprju. Infatti fic-citazzjoni jinghad li l-konvenut naqas milli jipprovdi "*a safe system of work*" b'mod li skond l-atturi huwa l-konvenut li jahti ghall-mewt ta' Emanuel Cachia ghax ma ottemprax ruhu ma' dawk ir-regoli u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghad-danni emergenti.

Illi l-Magistrat Inkwerenti (Dr. C. Scerri Herrera) in konnessjoni mal-kaz odjern ma sabet ebda raguni ghaliex ghandhom jittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut, liema fatt jirrizulta mill-*proces verbal* relattiv. L-atturi jistriehu biss fuq ix-xhiedha ta' David Sammut li xehed fil-25 ta' April 2005, li min-naha tieghu wkoll xehed li ma ttiehdux proceduri kriminali kontra l-konvenut. Illi s-superjur ta' dan David Sammut kien u huwa x-xhud David Saliba li xehed li effettivament gie eskluz li kien hemm xi ksur ta' regolamenti u dana David Saliba fil-fatt jghid hekk: "…l-ufficjal li fil-fatt mar inzerta wiehed Emanuel Cachia kunbinazzjoni bl-istess isem, sive Noel nghidulu ahna Noel biex forsi niddistingwu, kien irraporta li ma kienx osserva nuqqas jew breaches ta' Health & Safety regulations ta' dak iz-zmien………………irrid nghid ukoll li kieku kienu gew osservati xi nuqqasijiet f'dak li jirrgwardja s-sahha u s-sigurta tal-haddiem, kieku kienu jibdew il-proceduri kriminali u ghaldaqstant inkun naf bihom jien ghax jien naghmel il-prosekuzzjoni. Ghandi nghid li fil-fatt ebda proceduri kriminali ma tiehdu u lanqas sejrin jittiehdu minhabba l-konstatazzjonijiet li kienu sar mill-ufficjali taghna…..Dan l-kaz gie nvestigat mill ufficjal Noel Cachia, Emanuel (Noel) Cachia ghamel l-minuta ufficjali tieghu, l-file gie ussegwentement ghandi biex nara jekk nistghux nibdew proceduri kriminali minn naha taghna, minn dan ma jirrizulta xejn li ahna nistghu naghmlu xi haga.."

Illi hu sinifikanti li l-atturi jassumu li Nazzareno Scicluna kellu obbligi naxxenti mill-ATT VII tal-1994 fil-konfront ta' l-imsemmi Emanuel Cachia. Jitkellmu dwar is-*safe system of work* u jsemmu li l-konvenut kien responsabbli tal-barriera fejn sehh l-incident. Issa l-konvenut ma kienx *employer* tal-vittma. Lanqas ma irrizulta li kien hemm xi

kaz fejn ghodod, materjal jew taghmir kien provdut minnhom u kien hemm xi difetti fl-apparat liema difetti kienu maghrufa u ma gewx indikati, jew li setghu jkunu maghrufa. Cachia kien kuntrattur indipendenti u ma tezistix responsabbilta` tal-konvenut ghal dak li gara. Kieku kellna naslu ghal dan kullhadd jigi responsabbli ghal kull bajjad *etc* li jqabbad jaghmillu bicca xoghol u li fil-kors taghha jwegga' jew imut. Illi fil-kaz odjern huwa minnu li Nazzareno Scicluna silef *truck* lid-defunt Cachia izda ma gie bl-ebda mod pruvat illi dana t-trakk kellu xi difett u wisq anqas li l-konvenut kien jaf b'xi difett jew li seta' jkun jaf b'difett. Illi ghall-kuntrarju gie ippruvat li effettivament it-trakk in kwistjoni ma kellu ebda difett. Anzi l-espert Joseph Zammit sostna li t-*truck* kien f'kundizzjoni tajba. L-istess qal William Cassar Torregiani. Illi gjaladarba t-trakk misluf mill-konvenut lid-defunt ma kellu ebda difett u wisq anqas gie ippruvat li l-konvenut kien jaf jew seta' kien jaf bl-ezistenza ta' xi difett, Nazzareno Scicluna ma jistax jitqies bhala "*employer*" ghall-finijiet ta' l-Att VII tal-1994 li jista' jigi tenut responsabbli ghal xi danni.

Illi l-*proviso* tas-subartikolu 2(b) jkompli jillimita kull responsabbilita` li jista' jkun hemm meta x-xoghol ikun qed isir taht appalt u dana billi jghid li r-responsabbilita` msemmija tissussiti biss jekk ikunu gew provduti facilitajiet **<u>u</u>** min jipprovdihom ikun jaf li dawn il-facilitajiet jew l-uzu taghhom ordinarjament jipprezentaw sogru. L-unika haga li ipprovda l-konvenut kien *truck* izda dan it-*truck* ma kellu ebda difett. Iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u cioe` jrid ikun hemm il-provvizjoni tal-facilitajiet **<u>u</u>** kif ukoll ix-xjenza li dawn il-facilitajiet ordinarjament jipprovdu sogru. Naturalment il-kliem tal-ligi jrid dejjem jigi interpretat b'mod logiku. Huwa ovvju li barriera fiha xi periklu izda dan huwa car kemm ghal min iqabbad lil haddiehor jaghmel xoghol kif ukoll ghal min ikun qed jaghmlu. Huwa obbligu ta' min ikun qed jaghmel triq f'barriera li jiehu hafna prekawzjonijiet u l-ligi specjalment kienet intiza li hadd ma jaghti per ezempju *truck* meta jaf li hemm xi *gear box* difettuza jew xi *tyres* maqsumin. Dan assolutament ma irrizultax.

Il-konvenut sostna li ghalkemm il-kawzali ta' l-azzjoni attrici hija msejsa interament fuq id-danni delittwali, anqas ma tista' tinstab htija fih jekk wiehed jikkunsidra l-kaz odjern mill-aspett tad-danni akwiljani. Jidher infatti li l-mewt ta' Cachia sehhet b'kawza tan-nuqqasijiet tieghu stess u l-konvenut, hlief ghall-ghoti ta' l-appalt ma kellu jezegwixxi xejn u wisq anqas huwa responsabbli ghall-mewt ta' Emanuel Cachia. Kien bniedem ta' esperjenza u konsapevoli tar-riskji li kien ser jiehu u ghalhekk kien l-istess Cachia li kellu jassigura li fl-ezekuzzjoni ta' dan l-appalt huwa jiehu hsieb tieghu nnifsu. Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Biagio Muscat vs Anthony Falzon et** (12/05/2003) fejn intqal hekk:

"Hi norma kostitwenti l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu" (Art. 1031 tal-Kap 16). Norma din li tenuncja l-principju in virtu` ta' liema l-lezjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta' l-istess lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi.

Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tindividwalizza din ir-responsabilita`. Responsabilita` li kapaci tigi determinata jew minn komportament kolpuz jew minn dawk il-kriterji l-ohra li jridu jigu meqjusa ghall-iskop li wiehed jasal biex jakkolla l-incidenza ekonomika tal-fatt dannuz.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez **Vol XLVIII pI p258**).

Huwa pacifikament affermat illi qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (**Vol XLII pI p517**). "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Vol XXVII pI p373**).

Huwa daqstant iehor assodat illi l-kuntrattur "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita` minhabba l-fatt li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent, u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda x-xoghol kien jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament, u li kwindi x-xoghol kien inutili" – "**Sancio De Carlo pro et noe –vs- Emmanuele Cumbo et**", Appell Kummerc, 6 ta' Frar, 1956 riportata a Vol XL pI p485.

Dan ikompli mal-enuncjazzjoni stabbilita fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, tas-7 ta' April 1923 filkawza fl-ismjiet "**Nicola Vella –vs- Luigi Agius**" fis-sens illi "e` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte".

Rapportat dan it-taghlim gurisprudenzjali ghall-kaz in ezami hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-konvenut ghalkemm gie lilu ndikat fejn kellu jahdem b'danakollu ma giex dirett ukoll kif kellu jahdem. Ghall-anqas dan ma jirrizulta minn ebda prova.

Il-konvenut jiddikjara kif hadem u kkonduca l-operazzjoni tieghu izda imkien ma jistqarr illi hu ghamel dan ghax hekk gie dirett jaghmel jew minhabba xi kostringiment.

Jista' jinghad ghalhekk illi l-mankament kien fil-lavorazzjoni tieghu u mhux fid-direzzjoni ta' xi addett fil-Korporazzjoni. F'kull kaz, u dan qed jigi rilevat ghall-grazzja tal-argument biss, kien jinkombi b'dover fuqu

li ma jezegwiex direttiva li jkun jaf li tista' tipperikola u titrasgredixxi d-dettami tal-arti tieghu.

Jidher li l-konvenut kien bniedem ta' esperjenza f'dak ix-xoghol u allura kellu jassigura li l-operat tieghu jsir sew, utilment u b'mod li jiskansa kull dannu ghalih, ghall-kommittent li nkarigah u ghat-terzi. Jekk dan ma ghamlux il-konsegwenza logika tkun li hu jbati r-rizultat ta' eghmilu u jirrispondi ghad-danni li jsehhu.

Gie, a propozitu, ritenut illi "l-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta jipprevedi dak l-effett … … . Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta … … . Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb d-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setghax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala" - "**Annunziato D'Amato et -vs- Joseph Camilleri et**", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 a Vol XLII pI p74.

Ara wkoll decizjoni tal-Qorti Civili Prim'Awla tat-03/10/2003 fl-ismijiet **Michael d'Amato et vs Filomena Spiteri et** fejn intqal:
"Ma ghandux ikun dubitat illi meta wiehed jizvolgi attivita` li minn natura stess taghha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluza huwa jenhtieglu jiddimostra li ha hsieb japplika l-mizuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita l-hsara."

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut li ma kienx hu responsabbli ghall-mewt ta' Emanuel Cachia u minhabba dan mhux il-kaz li tezamina l-aspetti l-ohra dwar il-kaz.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------